Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 10 ta' Ġunju 2026**
**(OR. en)**

**10397/26**

**FIN 850**

## NOTA TA' TRAŻMISSJONI

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 9 ta' Ġunju 2026 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2026) 299 final |
| Suġġett: | KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL<br>Aġġustament tekniku tal-qafas finanzjarju pluriennali għall-2027 f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 299 final.

---

Mehmuż: COM(2026) 299 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.6.2026
COM(2026) 299 final

# KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

## Aġġustament tekniku tal-qafas finanzjarju pluriennali għall-2027 f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL**

**Aġġustament tekniku tal-qafas finanzjarju pluriennali għall-2027 f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027**

## 1. INTRODUZZJONI

Din il-komunikazzjoni tipprovdi lill-awtorità baġitarja bir-riżultat tal-aġġustament tekniku qabel il-proċedura baġitarja għas-sena 2027 f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027[1](ir-"Regolament QFP"). B'mod partikolari, l-aġġustament tekniku jistabbilixxi l-limiti massimi tan-nefqa bil-prezzijiet attwali bbażati fuq id-deflatur fiss ta' 2 % kif previst fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament QFP.

Abbażi tal-aħħar tbassir ekonomiku[2], il-komunikazzjoni tipprovdi wkoll il-kalkolu tal-marġni taħt il-limitu massimu tar-riżorsi proprji stabbilit fl-applikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea li tkun fis-seħħ fiż-żmien tal-adozzjoni ta' din il-komunikazzjoni.

Il-komunikazzjoni tippreżenta wkoll l-ammonti disponibbli taħt l-Istrument ta' Marġini Uniku skont l-Artikolu 11(1)(a) u 11(1)(c), l-aġġustament tal-limitu massimu tal-pagamenti f'konformità mal-Artikolu 11(1)(b) u l-aġġustamenti speċifiċi għall-programm kif previst fl-Artikolu 5 tar-Regolament QFP. Wara l-adozzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 2024/765 tad-29 ta' Frar 2024[3], dan jinkludi wkoll il-kalkolu tal-ammont disponibbli għall-Istrument EURI għas-sena 2027 f'konformità mal-Artikolu 10a(3), il-punt (a) tar-Regolament QFP, kif ukoll il-kalkolu tal-ammonti li għandhom isiru disponibbli fl-2027 għall-Istrument ta' Flessibbiltà skont l-Artikolu 12(1), it-tieni subparagrafu mill-ammonti skaduti tar-Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna ta' Emerġenza (ir-Riżerva ta' Solidarjetà Ewropea u r-Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza).

Wara l-adozzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2026/469 tat-23 ta' April 2026, l-Artikolu 10c tar-Regolament QFP jistabbilixxi l-istrument speċjali tematiku "Strument ta' Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna" li għandu jintuża għall-iskop uniku li jiffinanzja l-kostijiet tas-servizz tad-dejn ta' self lill-Ukrajna li għandu jiġi implimentat f'kooperazzjoni msaħħa.

F'konformità mal-Artikolu 4(4) tar-Regolament tal-QFP, u mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 6 u 7 ta' dak ir-Regolament, ma jsir l-ebda aġġustament tekniku ieħor fir-rigward

---

1 Kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2024/765 tad-29 ta' Frar 2024, ĠU L, 2024/765, 29.2.2024, p. 1 u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2026/469 tat-23 ta' April 2026 li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027, ĠU L, 2026/469, 23.4.2026

2 Il-Kummissjoni Ewropea, Tbassir Ekonomiku Ewropew, Rebbiegħa 2026: Tbassir Ekonomiku Ewropew.Rebbiegħa 2026; https://economy-finance.ec.europa.eu/publications/european-economic-forecast-spring-2026_en?prefLang=mt#

3 ĠU L, 2024/765, 29.2.2024

tas-sena inkwistjoni, la matul is-sena u lanqas bħala korrezzjonijiet *ex post* fis-snin sussegwenti.

## 2. IT-TERMINI TAL-AĠĠUSTAMENT TAT-TABELLA TAL-QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI (L-ANNESS - IT-TABELLI 1-2)

It-Tabella 1 fl-Anness turi l-qafas finanzjarju pluriennali tal-UE bil-prezzijiet tal-2018 tar-Regolament QFP aġġustati f'konformità mal-Artikolu 2(1), 5(2) u 11 ta' dak ir-Regolament.

It-Tabella 2 fl-Anness turi l-qafas finanzjarju pluriennali tal-UE aġġustat bil-prezzijiet attwali.

Il-qafas finanzjarju espress bħala perċentwal tal-introjtu nazzjonali gross (ING) tal-Unjoni huwa aġġornat bl-aħħar previżjonijiet ekonomiċi. Skont din il-bażi, l-ING tal-UE għall-2027 huwa stabbilit għal EUR 20 191 686 miljun fi prezzijiet attwali.

### 2.1. Ir-riżultati ewlenin tal-aġġustament tekniku tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2027

Il-limitu massimu globali tal-QFP għall-approprjazzjonijiet ta' impenn għall-2027 huwa ta' EUR 188 761 miljun fi prezzijiet attwali, li huwa ekwivalenti għal 0,93 % tal-ING. Il-limitu massimu globali tal-QFP għall-approprjazzjonijiet ta' pagament jikkorrispondi għal EUR 199 711 miljun fi prezzijiet attwali, ekwivalenti għal 0,99 % tal-ING.

Fl-1 ta' Ġunju 2021, daħlet fis-seħħ id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji ("DRP 2020")[4]. Din tapplika b'mod retroattiv mill-1 ta' Jannar 2021. Il-limitu massimu tar-riżorsi proprji għall-approprjazzjonijiet ta' pagament huwa stabbilit għal 2,00 % tas-somma tal-ING tal-Istati Membri kollha. Minn dan, 0,60 punti perċentwali huma żieda temporanja għall-iskop uniku li jiġu koperti l-obbligazzjonijiet kollha li jirriżultaw mill-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru[5].

Il-marġni li jirriżulta għall-2027 bejn il-limitu massimu tal-QFP għall-approprjazzjonijiet ta' pagament u l-limitu massimu tar-riżorsi proprji għall-approprjazzjonijiet ta' pagament huwa ta' EUR 204 123 miljun, jew 1,01 % tal-ING[6].

It-tabella ta' hawn taħt tipprovdi informazzjoni għall-perjodu 2021-2027 dwar il-marġni (f'perċentwal tal-ING) bejn il-limitu massimu tal-QFP għall-approprjazzjonijiet ta' pagament u l-limitu massimu tar-riżorsi proprji għall-approprjazzjonijiet ta' pagament.

| F' % tal-ING tal-UE | *2021* | *2022* | *2023* | *2024* | 2025 | 2026[7] | 2027 | 2021-2027 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|

4 ĠU L 424, 15.12.2020, p. 1.

5 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 tal-14 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi Strument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19, ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 23.

6 Il-marġni speċifiku taħt iż-żieda temporanja tal-limitu massimu tar-riżorsi proprji li jikkorrispondi għal 0,60 % tas-somma tal-ING tal-Istati Membri kollha se jiddependi fuq in-nefqa awtorizzata għall-2027 fir-rigward tal-obbligazzjonijiet skont l-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru u r-riżorsi proprji korrispondenti biex jiffinanzjawh.

7 F'konformità mal-Artikolu 4(4) tar-Regolament QFP, il-limitu massimu tal-QFP għall-approprjazzjonijiet ta' pagament u l-marġnijiet għas-snin 2021, 2022, 2023 u 2024 mhumiex aġġustati aktar wara l-aġġustament tekniku għall-2021 (ikkomunikat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fit-18.12.2020 (COM(2020)848 final)),

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-limitu massimu tal-QFP għall-approprjazzjonijiet ta' pagament | *1,18 %* | *1,12 %* | *0,99 %* | *0,81 %* | *0,94 %* | 1,04 % | 0,99 % | 1,01 % |
| Marġni taħt il-limitu massimu tar-riżorsi proprji tal-ING ta' 2,00 % fl-applikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 | *0,82 %* | *0,88 %* | *1,01 %* | *1,19 %* | *1,06 %* | 0,96 % | 1,01 % | 0,99 %[8] |

## 2.2. Aġġustament tas-sublimitu għall-Intestatura 3

L-aġġustament tekniku tal-2024[9] kien jinkludi t-trasferimenti kollha bejn il-pagamenti diretti u l-iżvilupp rurali deċiżi mill-Istati Membri fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. F'konformità mal-Artikoli 17(5) u 103(5) tar-Regolament (UE) 2021/2115[10], id-deċiżjonijiet ta' trasferiment kienu rieżaminati minn xi Stati Membri fl-2025. L-eżitu ġie stabbilit fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni 2026/1 tal-01/12/2025[11]. Ir-rieżami jirriżulta f'żieda żgħira tas-sublimitu għall-2027.

Il-bidliet fil-prezzijiet attwali fis-sublimitu tal-Intestatura 3 huma kkonvertiti fi prezzijiet tal-2018 biex tiġi aġġustata t-tabella tal-qafas finanzjarju pluriennali li hija espressa fi prezzijiet tal-2018. Għal dan l-għan, il-bilanċ nett tat-trasferimenti l-ewwel jiġi kkonvertit fi prezzijiet tal-2018 billi jintuża d-deflatur annwali fiss ta' 2 %. Dan ir-riżultat imbagħad jiġi ittondjat 'il fuq sabiex jiġi espress is-sublimitu aġġustat f'miljuni ta' euro. L-ittondjar huwa meħtieġ biex jiġi żgurat li s-sublimitu tal-QFP ikun dejjem ogħla mill-bilanċ nett disponibbli għan-nefqa fil-baġit annwali għall-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG). Id-differenza żgħira li tirriżulta ma tikkostitwixxix marġni disponibbli, iżda tirriżulta esklużivament mill-operazzjoni tal-ittondjar. Għal kull baġit annwali, il-Kummissjoni se tuża l-ammonti eżatti tal-bilanċ nett disponibbli għan-nefqa tal-FAEG.

It-tabella ta' hawn taħt turi r-riżultat nett (f'miljuni ta' euro) tat-trasferiment bejn iż-żewġ pilastri tal-PAK u l-impatt tagħhom fuq is-sublimitu tal-Intestatura 3.

għall-2022 (ikkomunikat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fis-07.06.2021 (COM(2021)365 final)), għall-2023 (ikkomunikat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fis-07.06.2022 (COM(2022)266 final)), għall-2024 (ikkomunikat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fid-29.02.2024 (COM(2024)110 final)), għall-2025 (ikkomunikat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fit-18.06.2024 (COM(2024)120 final)) u għall-2026 (ikkomunikat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fl-04.06.2025 (COM(2025)800 final)).

[8] Dan il-persentaġġ huwa kkalkulat billi titnaqqas il-medja tal-limiti massimi annwali tal-QFP għall-approprjazzjonijiet ta' pagament għal kull sena tal-perjodu 2021-2027 (jiġifieri 1,01 % tas-somma tal-ING tal-Istati Membri kollha) mil-limitu massimu tar-riżorsi proprji għall-approprjazzjonijiet ta' pagament ta' 2,00 % tas-somma tal-ING tal-Istati Membri kollha, applikabbli matul il-perjodu kollu 2021-2027.

[9] COM(2024)110 final, 29.02.2024

[10] Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013.

[11] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2026/1 tal-1 ta' Diċembru 2025 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-allokazzjonijiet tal-Istati Membri għall-pagamenti diretti u d-diżaggregazzjoni annwali skont l-Istat Membru tal-appoġġ tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali.

| **Is-sublimitu tal-FAEG (nefqiet relatati mas-suq u pagamenti diretti) wara t-trasferimenti fi prezzijiet attwali u tal-2018 (f'EUR miljuni)** | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **2021** | **2022** | **2023** | **2024** | **2025** | **2026** | **2027** | **2021-2027** |
| | **- fi prezzijiet attwali -** | | | | | | | |
| Sublimitu H3 inizjali | 40 925,000 | 41 257,000 | 41 518,000 | 41 649,000 | 41 782,000 | 41 913,000 | 42 047,000 | 291 091,000 |
| Trasferimenti netti sal-lum | -557,046 | -618,811 | -825,789 | -1 046,922 | -1 117,072 | -1 222,773 | -1 396,205 | -6 784,618 |
| Bidla tas-sublimitu massimu H3 wara r-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP | | | | | -136,000 | -149,000 | -155,000 | -440,000 |
| Sublimitu H3 stabbilit fl-aħħar aġġustament tekniku (2026) | 40 368,000 | 40 639,000 | 40 693,000 | 40 603,000 | 40 529,000 | 40 542,000 | 40 496,000 | 283 870,000 |
| Trasferiment nett fl-aġġustament tekniku attwali (2027) | | | | | | | 94,698 | 94,698 |
| Differenza netta totali mqabbla mas-sublimitu inizjali | -557,046 | - 618,811 | -825,789 | -1 046,922 | -1 253,072 | -1 371,773 | 1 456,507 | -7 129,920 |
| Bilanċ nett tal-FAEG wara t-trasferimenti kollha u r-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP | 40 367,954 | 40 638,189 | 40 692,211 | 40 602,078 | 40 528,928 | 40 541,227 | 40 590,493 | 283 961,080 |
| **Sublimitu H3 wara t-trasferimenti** | **40 368,000** | **40 639,000** | **40 693,000** | **40 603,000** | **40 529,000** | **40 542,000** | **40 591,000** | **283 965,000** |
| *Differenza tal-ittondjar* | *0,046* | *0,811* | *0,789* | *0,922* | *0,072* | *0,773* | *0,507* | *3,920* |
| ***Differenza għas-sublimitu oriġinali wara t-trasferimenti kollha*** | ***-557,000*** | ***-618,000*** | ***-825,000*** | ***-1 046,000*** | ***-1 253,000*** | ***-1 371,000*** | ***-1 456,000*** | ***-7 126,000*** |
| | **- fi prezzijiet tal-2018 -** | | | | | | | |
| Sublimitu H3 inizjali | 38 564,000 | 38 115,000 | 37 604,000 | 36 983,000 | 36 373,000 | 35 772,000 | 35 183,000 | 258 594,000 |
| Trasferimenti netti sal-lum | -524,375 | -571,595 | -747,811 | -929,637 | -972,478 | -1 043,625 | -1 168,282 | -5 957,803 |
| Bidla tas-sublimitu massimu H3 wara r-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP | | | | | -118,396 | -127,170 | -129,697 | -375,263 |
| Sublimitu H3 stabbilit fl-aħħar aġġustament tekniku (2025) | 38 040,000 | 37 544,000 | 36 857,000 | 36 054,000 | 32 283,000 | 34 602,000 | 33 886,000 | 252 266,000 |
| Trasferiment nett fl-aġġustament tekniku attwali (2026) | | | | | - | - | 79,239 | 79,239 |
| Differenza netta totali mqabbla mas-sublimitu inizjali | -524,375 | -571,595 | -747,811 | -929,637 | -1 090,875 | -1 170,795 | -1 218,740 | -6 253,827 |
| Bilanċ nett tal-FAEG wara t-trasferimenti kollha u r-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP | 38 039,625 | 37 543,405 | 36 856,189 | 36 053,363 | 35 282,125 | 34 601,205 | 33 885,021 | 252 340,143 |
| **Sublimitu H3 wara t-trasferimenti** | **38 040,000** | **37 544,000** | **36 857,000** | **36 054,000** | **35 283,000** | **34 602,000** | **33 886,000** | **252 345,000** |
| *Differenza tal-ittondjar* | *0,375* | *0,595* | *0,811* | *0,637* | *0,875* | *0,795* | *0,740* | *4,827* |
| ***Differenza għas-sublimitu oriġinali wara t-trasferimenti kollha*** | ***-524,000*** | ***-571,000*** | ***-747,000*** | ***-929,000*** | ***-1 090,000*** | ***-1 170,000*** | ***-1 218,000*** | ***-6 249,000*** |

## 2.3. Aġġustamenti speċifiċi għall-programm f'konformità mal-Artikolu 5(2) tar-Regolament QFP

F'konformità mal-Artikoli 5(2) u 4(1)(e) tar-Regolament QFP, din il-komunikazzjoni tinkludi l-kalkolu, għas-sena 2027, tal-allokazzjonijiet addizzjonali għall-programmi speċifiċi msemmija fl-Anness II tar-Regolament QFP u l-aġġustamenti 'l fuq li jirriżultaw tal-limiti massimi għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

Peress li l-2027 hija l-aħħar sena tal-qafas finanzjarju pluriennali, l-aġġustament huwa bbażat fuq l-ammont residwu biex jintlaħaq total ta' EUR 10 155 miljun għall-aġġustamenti kollha speċifiċi għall-programm matul il-perjodu 2022-2027. Għalhekk, l-aġġustament għall-2027 huwa ta' EUR 2 155 miljun fi prezzijiet tal-2018.

L-aġġustament fil-prezzijiet attwali jammonta għal EUR 2 597 miljun wara l-applikazzjoni tad-deflatur annwali ta' 2 % u ttondjat 'il fuq sa miljun euro f'konformità ma' kif jiġu espressi l-limiti massimi tal-QFP. Dan l-ammont jikkorrispondi għall-

aġġustament 'il fuq tal-limitu massimu globali f'approprjazzjonijiet ta' impenn u l-limitu massimu f'approprjazzjonijiet ta' pagament għas-sena 2027.

It-tqassim tal-aġġustament skont l-intestatura u l-programm tal-QFP huwa bbażat fuq il-kolonna "Koeffiċjent tad-distribuzzjoni" tal-Anness II tar-Regolament QFP, kif modifikat bir-Regolament (UE, Euratom) 2024/765 għas-snin mill-2025 sal-2027. L-aġġustamenti tal-limiti massimi individwali f'approprjazzjonijiet ta' impenn huma ittondjati 'l fuq għall-eqreb miljun euro[12].

| <u>LIMITU MASSIMU TA' IMPENN:</u> | Prezzijiet attwali | prezzijiet tal-2018 |
|---|---|---|
| **1. Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali** | **1 089 000 000** | **902 000 000** |
| Orizzont Ewropa | 816 851 758 | 676 587 521 |
| Fond InvestEU | 272 148 242 | 225 412 479 |
| **2b. Reżiljenza u Valuri** | **1 234 000 000** | **1 027 000 000** |
| L-UE għas-Saħħa | 393 587 949 | 329 505 417 |
| Erasmus+ | 461 050 263 | 381 935 570 |
| Ewropa Kreattiva | 162 706 520 | 135 503 850 |
| Drittijiet u Valuri | 216 655 268 | 180 055 163 |
| **4. Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri** | **274 000 000** | **226 000 000** |
| Il-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri | 274 000 000 | 226 000 000 |
| **Limitu massimu tal-impenn totali:** | **2 597 000 000** | **2 155 000 000** |
| **<u>LIMITU MASSIMU TA' PAGAMENT:</u>** | **2 597 000 000** | **2 155 000 000** |

### 2.4. Aġġustament tal-limitu massimu ta' pagament f'konformità mal-Artikolu 4(1)(d) u l-Artikolu 11(1)(b) – Strument ta' Marġini Uniku.

F'konformità mal-Artikolu 4(1)(d) tar-Regolament QFP, l-aġġustament tekniku għandu jinkludi l-ammont ta' aġġustament tal-limitu massimu għall-approprjazzjonijiet ta' pagament taħt l-Istrument ta' Marġini Uniku (SMI, Single Margin Instrument) kif imsemmi fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 11(1).

Il-limitu massimu ta' pagament għall-2025 kien EUR 175 378 miljun fi prezzijiet attwali. Il-pagamenti eżegwiti fl-2025 jammontaw għal EUR 156 817 miljun. Ma' dan l-ammont iridu jiżdiedu (EUR 6 439 miljun) ir-riporti mill-2025 għall-2026 peress li dawn jitqiesu bħala eżegwiti.

Il-pagamenti u r-riporti relatati mal-istrumenti speċjali (EUR 6 527 miljun) huma esklużi mill-eżekuzzjoni peress li huma ttrattati bħala li jmorru lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP f'konformità mal-Artikolu 3(2) tar-Regolament QFP. Għaldaqstant l-eżekuzzjoni meqjusa għall-kalkolu tal-SMI hija ta' EUR 156 729 miljun.

Il-marġni li jifdal taħt il-limitu massimu ta' pagament għall-2025 huwa ta' EUR 18 786 miljun fi prezzijiet attwali.

It-tabella ta' hawn taħt turi d-dettalji tal-kalkolu tal-SMI parti 11(1)(b).

[12] L-ammont għall-intestatura bl-ogħla sehem huwa stabbilit bħala d-differenza bejn l-aġġustament totali u s-somma tal-ammonti għall-intestaturi l-oħra kollha sabiex jiġu evitati d-diskrepanzi fl-ittondjar.

| **Strument ta' Marġini Uniku parti 11(1)(b) (pagamenti)** | | |
|---|---|---|
| *Miljuni ta' EUR* | | **2025** |
| (1) | Limitu massimu tal-AP (prezzijiet tal-2018) qabel l-SMI, l-Artikolu 11(1)(b) | 152 677,0 |
| (2) | Limitu massimu tal-AP (prezzijiet attwali) qabel l-SMI, l-Artikolu 11(1)(b) | 175 378,0 |
| (3) | **Mobilizzazzjoni tal-SMI, l-Art. 11(1)(c) f'pagamenti (+/-)** | **0,0** |
| **(4) = (2) + (3)** | **LIMITU MASSIMU TOTALI BIEX TITQABBEL L-IMPLIMENTAZZJONI FUQ IL-BAĠIT IVVOTAT** | **175 378,0** |
| **(5)** | **Pagamenti eżegwiti fuq il-baġit ivvotat** | **156 817,2** |
| *(6)* | *Pagamenti eżegwiti fuq il-baġit ivvotat għall-FEG* | *12,0* |
| *(7)* | *Pagamenti eżegwiti fuq il-baġit ivvutat għas-SEAR - FSUE* | *169,9* |
| *(8)* | *Pagamenti eżegwiti fuq il-baġit ivvutat għas-SEAR - EAR* | *583,5* |
| *(9)* | *Pagamenti eżegwiti fuq il-baġit ivvutat għar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit* | *546,6* |
| *(10)* | *Pagamenti eżegwiti fuq il-baġit ivvotat għall-Istrument ta' Flessibbiltà* | *1 395,1* |
| *(11)* | *Pagamenti eżegwiti fuq il-baġit ivvotat għall-Faċilità għall-Ukrajna* | *2 804,5* |
| ***(12)** = (6) + (7) + (8) + + (9) + (10)+(11)* | ***Pagamenti eżegwiti fuq il-baġit ivvotat għall-istrumenti speċjali*** | ***5 511,7*** |
| **(13)** | **Riporti mis-sena n għas-sena n+1** | **6 438,9** |
| *(14)* | *Riport mis-sena n għas-sena n+1 għall-FEG* | *0,1* |
| *(15)* | *Riport mis-sena n għas-sena n+1 għas-SEAR* | *997,2* |
| *(16)* | *Riport mis-sena n għas-sena n +1 għar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit* | *17,8* |
| ***(17) =** (14) + (15)+(16)* | ***Riporti ta' strumenti speċjali*** | ***1 015,1*** |
| **(18)** | **Riporti li skadew mis-sena n-1 għas-sena n** | **137,0** |
| *(19)* | *Riport skadut mis-sena n-1 għas-sena n FEG* | *0,0* |
| *(20)* | *Riport skadut mis-sena n-1 għas-sena n SEAR* | *0,0* |
| *(21)* | *Riport mis-sena n-1 għas-sena n għar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit* | *0,0* |
| ***(22) = (19) + (20)+(21)*** | ***Riporti li skadew ta' strumenti speċjali*** | ***0,0*** |
| **(23) = (5) + (13) - (18)** | **TOTAL TA' PAGAMENTI EŻEGWITI n + RIPORT n GĦAL n+1 - RIPORT SKADUT n-1** | **163 119,1** |
| ***(24) = (12) + (17) - (22)*** | ***Strumenti speċjali: eżekuzzjoni totali + riport - riport skadut*** | ***6 526,8*** |
| (25) = (4) - (23) + (24) | **Marġni li jifdal** | **18 785,7** |
| (26) = (25) ittondjati għal miljuni | **Strument ta' Marġini Uniku parti 11(1)(b) (prezzijiet attwali)** | **18 786,0** |
| (27) = (26) aġġustati għall-prezzijiet tal-2018 bl-użu ta' deflatur ta' 2 % u ttondjati għal miljuni | **Strument ta' Marġini Uniku parti 11(1)(b) (prezzijiet tal-2018)** | **16 354,0** |

L-ammont tal-parti 11(1)(b) tal-SMI fi prezzijiet tal-2018 jikkorrispondi għal EUR 16 354 miljun. L-ammont tal-parti 11(1)(b) tal-SMI huwa parzjalment trasferit għal-limiti massimi tal-pagamenti tas-sena 2027 (EUR 1 563 miljun). B'kont meħud tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 11(3), il-limitu massimu ta' pagament fl-2025 għandu jitnaqqas b'dan l-ammont. Ma jsir l-ebda tibdil għal-limitu massimu ta' pagament għall-

2026. Dan jirriżulta f'limitu massimu globali ta' pagament mhux mibdul għall-perjodu 2021-2027 fi prezzijiet tal-2018.

F'konformità mal-Artikolu 4(2) tar-Regolament QFP, id-deflatur ta' 2 % għandu jintuża għall-kalkolu tal-parti 11(1)(b) tal-SMI u l-aġġustament korrispondenti tal-limitu massimu tal-pagamenti. Meta kkonvertit fi prezzijiet attwali, il-limitu massimu tal-2025 għalhekk jitnaqqas b'EUR 1 795 miljun u l-limitu massimu tal-2027 jiżdied b'EUR 1 868 miljun. B'riżultat tal-applikazzjoni tal-Artikolu 11(1)(b), il-limitu massimu globali ta' pagament fi prezzijiet attwali għall-perjodu 2021-2027 jikkorrispondi għal EUR 1 206 551 miljun.

It-tabella ta' hawn taħt turi d-dettalji tal-aġġustament tal-limitu massimu tal-pagamenti li jirriżulta mill-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 11(1)(b).

| **Aġġustament tal-limiti massimi SMI parti 11(1)(b)** *(EUR miljun)* | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | 2021-2027 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Limitu massimu ta' pagament inizjali (l-Anness I tar-Regolament 2020/2093) | | | | | | | | |
| prezzijiet tal-2018 | **156 557** | **154 822** | **149 936** | **149 936** | **149 936** | **149 936** | **149 936** | **1 061 058** |
| prezzijiet attwali | **166 140** | **167 585** | **165 542** | **168 853** | **172 230** | **175 674** | **179 187** | **1 195 211** |
| Limitu massimu tal-pagamenti kif aġġustat l-aħħar (l-aġġustament tal-Art. 7 COM(2022)80 tat-28 ta' Jannar 2022), | | | | | | | | |
| prezzijiet tal-2018 | **156 557** | **156 322** | **149 936** | **149 936** | **149 936** | **149 936** | **149 936** | **1 062 558** |
| prezzijiet attwali | **166 140** | **169 209** | **165 542** | **168 853** | **172 230** | **175 674** | **179 187** | **1 196 835** |
| *Strument ta' Marġini Uniku Parti 11(1)(b) mill-2021* | | | | | | | | |
| *aġġustament tal-limitu massimu ta' pagament (prezzijiet tal-2018)* | *-2 492* | *1 246* | *1 246* | | | | | *0* |
| *aġġustament tal-limitu massimu ta' pagament (prezzijiet attwali)* | *-2 644* | *1 349* | *1 376* | | | | | *81* |
| Limitu massimu aġġustat ta' pagament skont l-Artikolu 11(1)(b) (Aġġustament tekniku għall-2023) | | | | | | | | |
| prezzijiet tal-2018 | **154 065** | **157 568** | **151 182** | **149 936** | **149 936** | **149 936** | **149 936** | **1 062 558** |
| prezzijiet attwali | **163 496** | **170 558** | **166 918** | **168 853** | **172 230** | **175 674** | **179 187** | **1 196 916** |
| Limitu massimu ta' pagament kif aġġustat l-aħħar (Aġġustament tekniku għall-2023 COM(2022)266 tas-7 ta' Ġunju 2022), | | | | | | | | |
| prezzijiet tal-2018 | **154 065** | **157 568** | **152 682** | **149 936** | **149 936** | **149 936** | **149 936** | **1 064 058** |
| prezzijiet attwali | **163 496** | **170 558** | **168 575** | **168 853** | **172 230** | **175 674** | **179 187** | **1 198 573** |
| *Strument ta' Marġini Uniku Parti 11(1)(b) mill-2022* | | | | | | | | |
| *aġġustament tal-limitu massimu ta' pagament (prezzijiet tal-2018)* | | *-3 718* | | | *1 239.3* | *1 239.3* | *1 239.3* | *0,0* |
| *aġġustament tal-limitu massimu ta' pagament (prezzijiet attwali)* | | *-4 024* | | | *1 424.0* | *1 452.0* | *1 481.0* | *333,0* |
| Limitu massimu aġġustat ta' pagament skont l-Artikolu 11(1)(b) (Aġġustament tekniku għall-2024) | | | | | | | | |
| prezzijiet tal-2018 | **154 065** | **153 850** | **152 682** | **149 936** | **151 175** | **151 175** | **151 175** | **1 064 058** |
| prezzijiet attwali | **163 496** | **166 534** | **168 575** | **168 853** | **173 654** | **177 126** | **180 668** | **1 198 906** |
| Limitu massimu ta' pagament kif aġġustat l-aħħar (Aġġustament tekniku għall-2024 | | | | | | | | |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| COM(2024)110 tad-29 ta' Frar 2024), prezzijiet tal-2018 | **154 065** | **153 850** | **152 682** | **151 436** | **151 175** | **151 175** | **151 175** | **1 065 558** |
| prezzijiet attwali | **163 496** | **166 534** | **168 575** | **170 543** | **173 654** | **177 126** | **180 668** | **1 200 596** |
| *Strument ta' Marġini Uniku Parti 11(1)(b) mill-2023* | | | | | | | | |
| *aġġustament tal-limitu massimu ta' pagament (prezzijiet tal-2018)* | | | *-5 907.0* | | | *2 953.5* | *2 953.5* | *0,0* |
| *aġġustament tal-limitu massimu ta' pagament (prezzijiet attwali)* | | | *-6 522.0* | | | *3 460.0* | *3 530.0* | *468,0* |
| Limitu massimu aġġustat ta' pagament skont l-Artikolu 11(1)(b) (Aġġustament tekniku għall-2025) prezzijiet tal-2018 | **154 065** | **153 850** | **146 775** | **151 436** | **151 175** | **154 128** | **154 128** | **1 065 558** |
| prezzijiet attwali | **163 496** | **166 534** | **162 053** | **170 543** | **173 654** | **180 586** | **184 198** | **1 201 064** |
| Limitu massimu ta' pagament kif aġġustat l-aħħar (Aġġustament tekniku għall-2025 COM(2024)120 tat-18 ta' Ġunju 2024), prezzijiet tal-2018 | **154 065** | **153 850** | **146 775** | **151 436** | **152 675** | **154 128** | **154 128** | **1 067 058** |
| prezzijiet attwali | **163 496** | **166 534** | **162 053** | **170 543** | **175 378** | **180 586** | **184 198** | **1 202 788** |
| *Strument ta' Marġini Uniku Parti 11(1)(b) mill-2024* | | | | | | | | |
| *aġġustament tal-limitu massimu ta' pagament (prezzijiet tal-2018)* | | | | *-24 812,0* | | *15 567,8* | *9 244,2* | *0,0* |
| *aġġustament tal-limitu massimu ta' pagament (prezzijiet attwali)* | | | | *-27 942,0* | | *18 240,2* | *11 047,6* | *1 345,8* |
| Limitu massimu aġġustat ta' pagament skont l-Artikolu 11(1)(b) (Aġġustament tekniku għall-2026) prezzijiet tal-2018 | **154 065** | **153 850** | **146 775** | **126 624** | **152 675** | **171 696** | **163 373** | **1 067 058** |
| prezzijiet attwali | **163 496** | **166 534** | **162 053** | **142 601** | **175 378** | **198 826** | **195 246** | **1 204 134** |
| Limitu massimu ta' pagament kif aġġustat l-aħħar (Aġġustament tekniku għall-2026 COM(2025)800 tal-4 ta' Ġunju 2025), prezzijiet tal-2018 | **154 065** | **153 850** | **146 775** | **126 624** | **152 675** | **171 696** | **163 373** | **1 069 058** |
| prezzijiet attwali | **163 496** | **166 534** | **162 053** | **142 601** | **175 378** | **201 170** | **195 246** | **1 206 478** |
| *Strument ta' Marġini Uniku Parti 11(1)(b) mill-2025* | | | | | | | | |
| *aġġustament tal-limitu massimu ta' pagament (prezzijiet tal-2018)* | | | | | *-1 563,0* | | *1 563,0* | *0* |
| *aġġustament tal-limitu massimu ta' pagament (prezzijiet attwali)* | | | | | *-1 795,0* | | *1 868,0* | *73* |
| Limitu massimu aġġustat ta' pagament skont l-Artikolu 11(1)(b) (Aġġustament tekniku għall-2027) prezzijiet tal-2018 | **154 065** | **153 850** | **146 775** | **126 624** | **151 112** | **171 696** | **164 936** | **1 069 058** |
| prezzijiet attwali | **163 496** | **166 534** | **162 053** | **142 601** | **173 583** | **201 170** | **197 114** | **1 206 551** |

It-tabella ta' hawn taħt turi d-dettalji tal-applikazzjoni tal-ammonti massimi għall-aġġustament annwali fl-2025–2027 f'konformità mal-Artikolu 11(3). It-trasferimenti li saru għall-2026 u l-2027 huma konformi mal-ammonti massimi stabbiliti f'dak l-Artikolu. L-ammont għall-2026 se jiġi stabbilit f'konformità mal-Artikolu 11(3a).

| **Limitu massimu tal-aġġustament (l-Artikolu 11(3) u (3a))** *(EUR miljun)* | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|

| | | | |
|---|---|---|---|
| Strument ta’ Marġini Uniku Parti (1)(b) - Limitu massimu tal-aġġustament (prezzijiet tal-2018) | 8 000 | 13 000 | 15 000 |
| Aġġustamenti tal-limitu massimu ta’ pagament 11(1)(b) qabel it-TAJU 2027 (prezzijiet tal-2018) | 1 239 | 19 761 | 13 437 |
| Jibqgħu taħt il-limitu massimu qabel it-TAJU 2027 (prezzijiet tal-2018) | | 0 | 1 563 |
| Aġġustamenti tal-limitu massimu ta’ pagament 11(1)(b) sal-lum (prezzijiet tal-2018) | | 0 | 1 563 |
| Jibqgħu taħt il-limitu massimu (prezzijiet tal-2018) | | | 0 |
| Jibqgħu taħt il-limitu massimu (prezzijiet attwali) | | | 0 |

# 3. STRUMENTI SPEĊJALI

L-istrumenti speċjali huma disponibbli barra mil-limiti massimi tan-nefqa tal-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027. Dawn l-istrumenti għandhom l-għan li jiżguraw rispons rapidu għal ċirkustanzi eċċezzjonali jew mhux previsti, u li jipprovdu, sa ċerti limiti, flessibbiltà lil hinn mil-limiti massimi tan-nefqa miftiehma stabbiliti fir-Regolament QFP.

## 3.1. Strumenti Tematiki Speċjali

### 3.1.1. Fond Ewropew ta’ Aġġustament għall-Globalizzazzjoni

